

## **P7\_TA(2011)0089**

### **Strategġija tal-UE għar-reġjun tal-Atlantiku**

#### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrategġija tal-UE għar-reġjun tal-Atlantiku**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2010, li talbu lill-Kummissjoni tfassal strategġija Ewropea għar-reġjun tal-Atlantiku sa Ġunju 2011,
  - wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni, bil-ħsieb li tippubblika komunikazzjoni dwar strategġija Ewropea għar-reġjun tal-Atlantiku,
  - wara li kkunsidra l-istrategġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku u l-istrategġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-5 Rapport ta' Koeżjoni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropa u t-Titolu XVIII tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jstabbilixxu l-koeżjoni territorjali bħala objettiv tal-Unjoni Ewropea,
- B. billi ħames Stati membri tal-UE għandhom kosta Atlantika: Franza, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit,
- C. billi r-reġjun tal-Atlantiku għandu l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, li huma:
- żona marittima dinamika (grazzi għat-trasport marittimu, is-sajd, l-enerġija tal-baħar, eċċ.),
  - żona li l-ambjent fraġli tagħha għandu jkun ippreservat u li hija suġġetta għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima (erożjoni kostali, fenomeni klimatiċi estremi),
  - żona remota fi ħdan l-Unjoni Ewropea, bi problemi ta' aċċessibilità u konnettività u b'numru baxx ta' ċentri urbani maġġuri,
- D. billi dawn il-karatteristiċi speċifiċi huma heġġin minn linji gwida li jmorru lil hinn mill-konfini u li għalihom iridu jinstabu tveġibiet fil-livell Ewropew,
- E. billi f'Ġunju 2010 l-Kunsill talab lill-Kummissjoni tiżviluppa strategġija għar-reġjun tal-Atlantiku sa Ġunju 2011, u billi l-publikazzjoni ta' Komunikazzjoni mill-Kummissjoni hija ppjanata għall-2011,
1. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal malajr kemm jista' jkun l-istrategġija tal-UE għar-reġjun tal-Atlantiku bħala strategġija integrata li tittratta kwistjonijiet marittimi u territorjali;

2. Huwa tal-fehma li din l-istrateġija għandha tiġi stabbilita fil-qafas tal-oġettiv tal-politika ta' koeżjoni tal-kooperazzjoni territorjali (Oġettiv 3), u tkun ibbażata fuq approċċ integrat, trażversali u territorjali, bil-mira li l-politiki jkunu kkoordinati aħjar bejn il-livelli varji ta' governanza f' territorju partikolari, b'attenzjoni speċjali fuq aspetti relevanti; huwa konvint li l-kooperazzjoni territorjali Ewropea tista' tikkontribwixxi sewwa għall-intensifikazzjoni tal-proċess ta' integrazzjoni fi ħdan ir-reġjun tal-Atlantiku permezz ta' parteċipazzjoni akbar mis-soċjetà ċivili fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti;
3. Jenfasizza li l-valur miżjud maġġuri tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE jidher fil-kooperazzjoni f'livell diversi, il-kordinament u l-investment strateġiku aħjar tal-fondi disponibbli, u mhux fl-allokkazzjoni addizzjonali tar-riżorsi; jenfasizza l-konklużjonijiet tal-Presidenza Svediża li jtkellmu kontra istituzzjonijiet ġodda, leġiżlazzjoni ġdida u baġits ġodda;
4. Jitlob li l-istrateġija tinfetaħ għar-reġjuni kollha tal-UE tul il-kosta tal-Atlantiku, inklużi r-reġjuni l-aktar 'l barra tal-Makaroneżja;
5. Jemmen li d-dimensjoni esterna ta' din l-istrateġija tista' tissaħħaħ minħabba l-pożizzjoni ġeografika tar-reġjuni tal-Atlantiku, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà u s-sorveljanza marittima u fl-isfera tar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali; huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni internazzjonali u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni trijangolari wkoll iridu jiġu indirizzati;
6. Jemmen li din l-istrateġija għandha timplimenta koordinazzjoni aħjar tal-għanijiet u l-mezzi, b'rabtiet qawwija mal-istrateġija UE 2020 u l-politiki tal-UE għal wara l-2013; ifakkar f'dan ir-rigward li din l-istrateġija timmira lejn nfiq aħjar tal-fondi tal-UE, mhux lejn żieda fl-infiq;
7. Jitlob li din l-istrateġija tkun konnessa tajjeb mal-politika reġjonali tal-UE u l-politika marittima integrata u huwa tal-fehma li għandha tiffaċilita sinerġija ma' politiki oħra tal-UE bħan-netwerks tat-trasport tranżewropej, il-politika komuni dwar is-sajd, azzjonijiet dwar il-klima u l-ambjent, il-programm ta' qafas dwar ir-riċerka u l-iżvilupp, il-politika tal-enerġija, eċċ.;
8. Jemmen li d-dimensjoni territorjali ta' din l-istrateġija hija essenzjali u se tikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali tal-UE; huwa tal-fehma li din id-dimensjoni territorjali se jkollha tindirizza speċjalment il-ftuħ, l-interkonnessjoni tan-netwerks tat-trasport u l-enerġija u l-iżvilupp tal-enerġija tal-baħar, l-iżvilupp taż-żoni urbani u rurali u l-intensifikazzjoni tar-rabtiet bejn l-art u l-baħar u bejn il-baħar u l-ilmijiet interni;
9. Itenni l-importanza tat-titjib tal-aċċessibilità fir-reġjuni marittimi tal-Atlantiku, u taż-żieda fil-moviment tal-persuni, il-merkanzija u s-servizzi f'dawn ir-reġjuni sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-suq intern u l-oġettiv tal-politika ta' koeżjoni, speċjalment bl-iżvilupp ta' tbaħħir fuq distanzi qosra u r-rotot prinċipali tal-baħar;
10. Ifakkar li d-dimensjoni marittima hija prijorità ta' din l-istrateġija, partikolarment permezz ta' approċċ li jirrigwarda l-baċini marittimi;
11. Ifaħħar bil-qawwa kollha l-promozzjoni u l-appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea tal-ippjanar u l-konstruzzjoni ta' toroq marittimi fir-reġjun tal-Atlantiku, bħat-triq marittima

Gijon-Nantes, bħala mod biex jittejbu u jiġu diversifikati n-netwerks tat-trasport transewropej, biex jiġu influwenzati r-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, tiġi stimolata l-attività ekonomika tal-portijiet u jingħata kontribut għat-tnaqqis fl-emissjonijiet CO<sub>2</sub>;

12. Huwa tal-fehma li din l-istrateġija tindirizza l-aspetti ta' interess komuni li ġejjin: l-enerġija marittima, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, inkluż il-prevenzjoni u l-għieda kontra t-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, it-trasport u l-aċċessibilità, is-sikurezza, is-sigurtà u s-sorveljanza, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-industriji kreattivi, il-kultura, il-mistrieħ u t-turiżmu, is-servizzi u t-taħriġ marbuta mal-baħar, is-sajd u s-settur tal-frott tal-baħar;
13. Jemmen li din l-istrateġija għandha tiżviluppa sinerġiji bejn il-politiki nazzjonali, reġjonali u locali tal-UE u għalhekk huwa tal-opinjoni li hija meħtieġa governanza mġedda fil-livelli differenti, bbażata fuq involviment aktar mill-qrib tal-awtoritajiet tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali;
14. Jixtieq li din l-istrateġija taħdem b'approċċ minn isfel għal fuq, li jibda mill-awtoritajiet lokali u jinvolvi lil dawk kollha interessati; jinsisti dwar in-neċessità li fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija jiġu assoċjati l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (inkluż in-netwerks interreġjonali u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati);
15. Jinsisti li l-kooperazzjoni fi ħdan il-qafas ta' din l-istrateġija għandha qabel kolloxx tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet ta' dawk kollha interessati u għalehkk huwa tal-fehma li l-prijoritajiet politiċi indirizzati għandhom jiġi deċiżi permezz ta' kunsens;
16. Huwa tal-opinjoni li r-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) jista' jkun għodda interessanti biex tiffaċilita kooperazzjoni fi ħdan il-qafas ta' strateġija tal-UE għar-reġjun tal-Atlantiku;
17. Huwa tal-fehma li din l-istrateġija għandha tkun implimentata mill-2014 'il quddiem u tiġi kkoordinata mal-qafas finanzjarju multiannwali, u li għandha timxi flimkien ma' pjan ta' azzjoni definit fil-livell Ewropew u li jinkludi lista ta' proġetti għall-istrutturar;
18. Huwa tal-opinjoni li d-dimensjonijiet interni u esterni ta' din l-istrateġija se jkollhom jimplimentaw allokkazzjoni Atlantika tal-fondi eżistenti tal-Komunità, ibbażata fuq prijoritajiet maqsuma;
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli simplifikati biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u jnaqqsu l-piż amministrattiv;
20. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew fid-definizzjoni tal-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-istrateġija tal-UE għar-reġjuni tal-Atlantiku, u jistieden lill-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Parlament u tikkonsulta miegħu dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija;
21. Se jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-komunikazzjoni futura tal-Kummissjoni permezz ta' rapport ta' inizjattiva;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-istituzzjonijiet l-oħra rilevanti.